# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**- ARTIKOLU 280 (2) TAL-KAP. 16 -**

**- DIKJARAZZJONI TAL-KONJUGI QUDDIEM IL-QORTI TA' REVIZZJONI TA'ATTI NUTARILI LI T-TARBIJA MHIEX TAR-RAGEL -**

## Illum 29 ta' Ottubru 2015

Rikors Guramentat Nru. 77 / 14RGM

Kawza fil-lista: 34

**A B f'isimha proprio**
**u f'isem bintha l-minuri C D**
**vs**
**E F;**
**G H D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici tal-11 ta' April 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fis-16 ta' Frar tas-sena 2014, l-attrici welldet tifla minuri bl-isem ta' C D u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1482/2014.

2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi l-attrici A B hija omm din il-minuri u fil-kolonna intestata 'isem u kunjom', il-konvenut G H D gie registrat bhala missier il-minuri.

3. Illi l-attrici A B u l-konvenut G H D zzewgu fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Isla fl-4 ta' Mejju tas-sena 1996.

4. Illi l-partijiet isseparaw permess ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 29 ta' Mejju 2013 in atti Nutar Reuben Debono.

5. Illi ghalkemm fil-mument tat-twelid u tal-koncepiment tal-minuri, l-attrici A B u l-konvenut G H D kienu mizzewgin, pero' l-istess attrici sa minn Lulju tas-sena 2011 ma kinitx tghix ma' zewgha l-konvenut ghal ragunijiet serji.

6. Illi sa minn Lulju tas-sena 2012 l-attrici kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut l-iehor E F u mieghu biss.

7. Illi fil-perjodu relevanti meta giet koncepita l-minuri C kien hemm l-impossibilita' fizika li l-minuri seta' gie koncepit mill-konvenut D peress illi l-konvenut D qatt ma kkoabita ma' martu A B bejn it-tlitt mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-minuri u dan peress illi fl-imsemmi zmien l-attrici u l-konvenut D qatt ma kkoabitaw flimkien.

8. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C gie dikjarat illi missier il-minuri huwa l-konvenut G H D, fil-fatt il-minuri giet koncepita fil-kors ta' relazzjoni extra-maritali li l-attrici kellha mal-konvenut F.

9. Illi ghalkemm il-konvenut G H D gie interpellat sabiex jidher quddiem ir-Revizur ta' l-Atti Notarili sabiex jirrikonoxxi lill-minuri C izda huwa baqa' inadempjenti, u ghalhekk din il-kawza giet intavolata inutilment.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara illi l-konvenut E F huwa l-missier naturali ta' C u mhux il-konvenut l-iehor G H D.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri C (Att numru 1482/2014) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tifla', jigi kancellat l-isem 'G H D', u jigi sostitwit bl-isem E F; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti konegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra 109763(M) ; taht il-kolonna 'eta' jigi jaqra 50; taht il-kolonna 'twieled' tigi taqra Valletta; taht il-kolonna 'residenza' jigi jaqra Santa Venera, Malta; u taht il-

kolonna ‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ jigi jaqra H F (mejjet).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut E Fipprezentata fl-24 ta’ Gunju 2014 li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici.

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**PROVI**.

L-**attrici A B** xehdet bil-mezz ta’ affidavit[1]:-

1. *“Nibda biex nispjega illi minn relazzjoni li jiena kelli u ghad ghandi flimkien mal-konvenut E F twieldet tifla bl-isem ta' C nhar is-16 ta' Frar tas-sena 2014.*

2. *Nghid illi jien xtaqt li binti tigi registrata fuq isem missierha E F izda meta mort nirregistraha dan ma ' kienx possibbili ghaliexjien kont ghadni kif nissepara legalment permezz ta' kunttratt minn ma' zewgi G H D fid-29 ta' Mejju tas-sena 2013.*

3. *Nghid illi ghalkemm fil-mument tal-koncepiment kont ghadni mhux legalment separata minn ma' zewgi G H D, konna ilna ma nghixu flimkien u ma jkollna relazzjonijiet intimi sa mis-sena 2011.*

4. *Jien u E F kellna relazzjoni sa minn Lulju tas-sena 2012 u fiz-zmien illi giet koncepita t-tifla taghna C kien qieghed ikolli relazzjonijiet intimi ma' E F u ma hadd izjed.*

5. *Jiena nixtieq illi c-certifikat tat-twelid ta' bintijigi kkoregut ujitnizzel E F bhala missierha u mhux G D u binti ikollha l-kunjom F.*

6. *Nghid illi jiena kont kostretta illi niftah din il-kawza peress illi zewgi naqas li jattendi ghal seduta quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarli preseduta mill-Imhallef Emeritus Dr H Galea Debono. Kull ma*

[1] Fol. 30

*kellujaghmel zewgi kien illi jiddikjara illi t-tifla ma kienitx tieghu, izda ghal pika ma ghamilihiex u kelli nidhol fl-ispejjez ta' din".*

Resqet ukoll l-affidavit tal-**konvenut E F**:-

*"Nibda biex nispjega illi minn relazzjoni li jiena kelli u ghad ghandi flimkien mal-attrici A B twieldet tifla bl-isem ta' C nhar is-16 ta' Frar tas-sena 2014.*

*Jien u A B kellna relazzjoni sa minn Lulju tas-sena 2012. Meta bdejna r-relazzjoni taghna hija diga kienet mhux qieghda tghix flimkien ma' zewgha G H D. Naf ukoll illi fiz-zmien illi giet koncepita t-tifla taghna C, A kien qieghed ikollha relazzjonijiet intimi mieghi biss.*

*Nghid illi jiena kont prezenti meta twieldet binti C u illi ghandi relazzjoni tajba hafna maghha u illi hija taf lili bhala missierha.*

*Jien ghalhekk nixtieq illi c-certifikat tat-twelid ta' binti jigi kkoregut u jitnezzel ismi bhala missier C minflok dak ta' G H D u li binti jkollha l-kunjom tieghi u cioe' dak ta' F."*[2]

B'digriet tat-2 ta' Ottubru 2014 il-Qorti innominat bhala espert gudizzjarju lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci testijiet tad-DNA.

**Dr Marisa Cassar** ipprezentat rapport tad-DNA[3] li permezz tieghu iccertifikat illi l-konvenut E F huwa l-missier naturali tal-minuri C D.

L-attrici resqet ix-xhieda tad-deputat registratur mal-Qorti tar-Revizzjoni tal-Atti Nutarili **A Hine Mousu**. Hija giet mistoqsija dwar appuntament li l-attrici kienet ghamlet ghal quddiem il-Qorti ta' Revizzjoni ta'l-Atti Notarili dwar ic-certifikat tal-minuri C D. Tghdi hekk:-

*"Kien ikkuntattjani xi hadd qed nassumi li kienet A B fejn hija riedet taghmel appuntament quddiem l-Imhallef Galea Debono sabiex tkun tista' tiddikjara bil-gurament flimkien ma' l-eks ragel taghha li t-tarbija li twieldet fis-16 ta' Frar elfejn u erbatax mhijiex ta' l-eks ragel taghha pero' hija ta' E F. Nikkonferma li wara li cemplet u harget id-data tas-seduta jiena kkuntattjajtha u nfurmajtha bil-hin u meta ghandha tigi u kif ukoll biex iggib ix-xhieda maghha."*

Hija xhedet illi sabiex il-process quddiem il-Qorti tar-Revizzjoni tal-Atti Nutarili jkun jista' jimxi 'l quddiem jehtieg li sew l-omm kif ukoll zewgha li ma jkunx il-

[2] Fol. 31
[3] Fol. 23

missier bijologiku ta’ ulied martu jridu jattendu personalment. Hija xhedet illi f’dik is-seduta ma kien sar xejn peress li ma kienx attenda kull min kien mehtieg li jkun prezenti. Pero’ ma setghatx tiftakar min ma kienx attenda.

L-attrici resqet bhala xhud lill-**konvenut G H D.** Huwa kkonferma li kien gie nfurmat kien hemm appuntament quddiem il-Qorti tar-Revizzjoni Nutarili . Jghid hekk: “Jien ma hassejtx li kelli nattendi ghax it-tifla mhjiex minn tieghi u jienama nafx ghalfejn it-tifla ghamluwha fuq ismi. Jiena nikkonferma li kont gejt infurmat b’dan l-apputament.”

L-**attrici A B** kompliet tati x-xhieda taghha viva voce:-

*“Nispjega illi konna morna l-Qorti jiena u l-partner tieghi li jismu E F u ghamilna appuntament quddiem il-Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Notarili, id-Deputat Registratur li ghadha kemm xehdet issa u li jisimha A Josette Mousu tatna d-data u meta mbaghad giet dik id-data eventwalment ahna tlajna l-Qorti, peress illi d-Deputat Registratur kienet qaltli biex intella' mieghi lil eks ragel tieghi biex jixhed illi t-tifla mhijiex minn tieghu. Jiena lil eks ragel tieghi jigifieri lil G H D konna moma ghidnilu meta ha jsir dan l-appuntament. Niftakar illi jiena u ommi konna morna fuq il-post tax-xoghol ta' 1-eks ragel tieghi G H D u huwa mal-ewwel jigifieri dakinhar stess kien qalilna li ma kienx se jitla' l-Qorti u mbgaghad naturalment meta giet dik id-data li fiha kellna nitilghu l-Qorti l-eks ragel tieghi ma giex kif qal illi kien se jaghmel li ma jigix u ahna allura dhalna quddiem id-Deputat Registratur u d- Deputat Registratur kif diga' xehdet qaltilna illi jekk ma jigix l-eks ragel tieghi ma seta' jsir xejn.*

*Jiena dakinhar peress li d-Deputat Registratur qabel kienet qaltli li iktar ma jkolli xhieda iktar ahjar, dakinhar kont tellajt mieghi lil missieri u lil ommi u z-zewgt ahwa tal-partner tieghi E F. Nerga' nirrepeti illi malli tatna d-data d-Deputat Registratur ahna konna morna u ghedna lil eks ragel tieghi biex jitla' pero dakinhar, dak il-hin stess qalilna u ma kienx gej.”.*

Xehed ukoll il-**konvenut E F**:-

“Illi jiena u A B konna moma ghand id-Deputat Registratur A Josette Mousu li ghadha kemm xehdet issa u ghidtilha li kelli tifla biex nirregistra li jiena nigi l-missier naturali ta' din it-tifla u hija qaltli biex intellghalha ix-xhieda u peress li l-eks ragel ta' A B ma kienx se jitla' jiena lilha ghidtilha illi huwa qalilna li ma riedx jigi.

Ahna konna avzajnieh lil G H D biex jigi imma hu qalilna li ma jridx jigi. Omm A B naf li kienet cemplitlu lil G H D biex jigi pero' hu ma riedx jigi dakinhar. Jiena kont tellajt xhieda min-naha tieghi kif ukoll A B tellghet xhieda min naha taghha u dawn ix-xhieda kienu z-zewg huti u omm A B.”

**IL-FONDAMENT LEGALI TAL-AZZJONI ATTRICI.**

**Artikolu 77B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**artikolu 77B tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

**Artikolu 77 D tal-Kap 16** jipprovdi illi "*F'kawżi li għalihom jagħmlu referenza l-artikoli 77, 77A, 77B u 77Ċ, il-qorti tista' tistieden lill-partijiet biex jissottomettu ruħhom għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A.*"

**Artikolu 70 A tal-Kap. 16 :**

" *(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel –*

*(a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;*

*(b) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel;*

*(ċ) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u*

*(d) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.*"

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**.

Permezz tax-xhieda tal-attrici gie ppruvat sodisfacentement illi fiz-zmien bejn it-tlett mitt guranta u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri C l-attrici kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut E F.

Jirrizulta wkoll illi l-pussess ta' stat tal-minuri C hu li hija bint il-konvenut E F. Isegwi ghalhekk illi l-att tat-twelid tal-minuri mhux konformi mal-att tat-twelid taghha li juri li missierha huwa ir-ragel ta' ommha. L-aqwa prova f'kawzi ta' din ix-xorta huwa t-test tad-DNA. Dr Marisa Cassar fil-kwalita' taghha ta' espert gudizzjarju ikkonduciet it-testijiet tad-DNA u ccertifikat li l-minuri hija l-bint bijologika tal-konvenut E F.

It-talbiet attrici jimmerita li jigu akkolti.

**KAP TAL-ISPEJJEZ**.

Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, l-attrici qed issostni illi m'ghandiex tbati spejjez ta' din il-kawza peress li l-kawza setghat tigi evitata kieku l-konvenut G H D ikkopera u mar ghall-appuntament li hija kienet hadet hsieb taghmel quddiem il-Qorti ta' Revizzjoni tal-Atti Nutarili.

L-attrici qed tirreferi ghall-procedura stabbilita in forza tal-**Artikolu 280 tal-Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta' Malta** intitolat "Tarbija mwielda minn mara mizzewga" li jipprovdi kif gej:-

*"(1) Jekk it-tarbija titwieled minn mara miżżewġa, isem żewġha għandu jitniżżel fl-att bħala dak tal-missier, għad illi jkun hemm dikjarazzjoni kuntrarja, bla ħsara ta' kull korrezzjoni li tista' ssir 'il quddiem wara sentenza fuq il-filjazzjoni tat-tarbija.*

*(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux –*

*(a) jekk ir-raġel, fiż-żmien kollu tat-tliet mitt ġurnata ta' qabel il-ġurnata tat-twelid tat-tarbija, kien nieqes minn Malta, u din l-assenza hija mwettqa bil-miktub u bil- ġurament quddiem l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, minn, għall-anqas, żewġ persuni ta' fiduċja;*

*(b) jekk ir-raġel, għaż-żmien kollu hawn fuq imsemmi, ikun għex mifrud legalment minn martu; jew*

*(ċ) jekk qabel jingħata l-avviż tat-twelid ir-raġel u l-mara flimkien jiddikjaraw bil-miktub u b'ġurament quddiem l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili li matul il-perjodu sħiħ tat-*

*tlett mitt jum minnufih qabel il-jum tat-twelid huma ma kellhomx relazzjonijiet sesswali flimkien.* "

Skont l-artikolu appena citat kien possibbli li din il-kawza tigi evitata kieku l-konvenut D attenda ghall-appuntament quddiem il-Qorti ta' Revizzjoni tal-Atti Notarili. Matul it-testimonjanza tieghu il-konvenut G D jammetti li kien avzat bl-appuntament u li ma kienx attenda peress li ma dehrlux li kellu jattendi peress li kien li hu mhux missier it-tarbija.

Fil-fehma tal-Qorti ir-raguni migjuba mill-konvenut D ghaliex m'attendiex ghas-seduta quddiem il-Qorti ta' Revizzjoni ta' Atti Nutarili ma hiex raguni valida. Ladarba kien cert li ma kienx missier it-tarbija kien fid-dover li jattendi ghal tali seduta sabiex ismu jigi kancellat minn fuq l-att tat-twelid tat-tarbija u b'hekk tigi evitata l-kawza li l-attrici kienet kostretta li tistitwixxi b'rizultat tan-non koperazzjoni tal-konvenut D.  Huwa evidenti illi kieku l-konvenut D ikkopera mal-attrici din il-kawza kienet tigi evitata kif kienu jigu evitati wkoll l-ispejjez relativi.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi l-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza ghandhom jigu akkollati lill-konvenut G D.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi,

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attrici kif dedotti.

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez peritali tad-DNA test, kontra l-konvenut G H D.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**